

32004R1454

17.8.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 269/9

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1454/2004**tas-16 ta' Awwissu 2004**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2090/2002 li jistipula regoli dettalljati biex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 fir-rigward ta' l-ispezzjonijiet imwettqa meta prodotti agrikoli li jikkwalifikaw għar-rifużjonijiet jiġu esportati

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 386/90 tat-12 ta' Frar 1990 dwar il-monitoraġġ imwettaq fil-ħin ta' l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jirċievu r-rifużjonijiet jew ammonti oħra¹, u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/2002² jirrikjedi li l-Istati Membri jesegwixxu numru ta' spezzjonijiet ssostituttivi kull sena kalendarja, li ma tridx tkun inqas min numru ta' jiemi li fuqhom prodotti li għandhom rifużjoni ta' l-esportazzjoni jitolqu it-territorju tad-dwana tal-Komunità. Irid ikun iċċarat li n-numru ta' l-ispezzjonijiet sostituttivi ma jridux ikunu inqas min-numru ta' ġranet jew nofs in-numru ta' ġranet li fuqhom kunsinni ta' prodotti li għandhom rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, mhux issiġġillati skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 10(2), iħallu it-territorju tad-dwana tal-Komunità mill-uffiċċju tal-ħruġ tad-dwana kkonċernat.
- (2) L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/2002 jirrikjedi li l-Istati Membri jissottomettu evalwazzjonijiet annwali fuq l-implimentazzjoni u l-effettività ta' l-ispezzjonijiet imwettqa taħt dan ir-Regolament u l-proċeduri applikati biex jiġu magħżula l-prodotti suġġetti għall-ispezzjonijiet fiżiċi.
- (3) L-Artikolu 26(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru 800/1999 tal-15 t'April 1999 li jistipula regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tar-

¹ ĠU L 42, 16.2.1990, p. 6. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 163/94 (ĠU L 24, 29.1.1994, p. 2).

² ĠU L 322, 27.11.2002, p. 4. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament(KE) Nru 909/2003 (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 61).

rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq prodotti agrikoli³ jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jissottomettu evalwazzjonijiet annwali fuq l-implimentazzjoni u l-effettività ta' l-ispezzjonijiet imwettqa skond ir-Regolament (KE) Nru 2090/2002 fuq dikjarazzjonijiet ta' pagamenti.

- (4) L-elementi ta' dawn ir-rapporti annwali jridu jitfasslu f'aktar dettal sabiex tiġi żgurata trasparenza u tiġi permessa evalwazzjoni komuni.
- (5) Dawn ir-rapporti annwali jridu jitfasslu abbażi tar-rapport annwali tal-2005 li jkopri s-sena 2004. Minħabba li l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu addattamenti organizzattivi biex jiġbru l-informazzjoni dwar il-valur mitlub tar-rifużjonijiet, huma jistgħu jagħżlu li jirrappurtaw din l-informazzjoni mir-rapport ta' l-2006 li jkopri s-sena 2005.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitati tat-Tmexxija kkonċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2090/2002 huwa emendat kif ġej :

1. Fl-Artikolu 10 (2), it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“In-numru ta' spezzjonijiet sostituttivimagħmula f'kull sena kalendarja ma jistgħux ikunu inqas min-numru ta' jiem li fihom kunsinni ta' prodotti li għandhom rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, mhux issiġġillati skond l-ewwel subparagrafu, iħallu t-territorju tad-dwana tal-Komunità mill-Uffiċċju tad-dwana kkonċernat.

Meta esportatur wieħed biss huwa suġġett għall-ispezzjoni isostituttiva, dan in-numru ma jistax ikun inqas minn nofs in-numru tal-ġranet li fihom il-kunsinni tal-prodotti li għandhom ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni, mhux issiġġillati skond l-ewwel subparagrafu, iħallu t-territorju tad-dwana tal-Komunità mill-Uffiċċju tad-dwana kkonċernat.”

2. L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 11

Qabel l-ewwel ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri jridu jibagħtu lill-Kummissjoni rapport li jevalwa l-implimentazzjoni u l-effettività ta' l-ispezzjonijiet imwettqa taħt dan ir-Regolament u l-proċeduri applikati biex jintgħażlu l-prodotti suġġetti għall-ispezzjonijiet. Ir-rapport irid jinkludi l-elementi li hemm inniżżla fl-Anness III li jkopru d-dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni aċċettati mill-1 ta' Jannar sal- 31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.

³ ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Regolament l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 671/2004 (ĠU L 105, 14.4.2004, p. 5).

Ir-rapporti jridu jiġu ssottomessi fuq CD-ROM kompattibli ma' ISO 9660 jew fuq mezz ta' data elettroniku ekwivalenti u f'forma kartaċea.

Għar-rapport annwali tas-sena 2005 li jkopri dikjarazzjonijiet aċċettati fl-2004, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jirrappurtawx:

- l-inċidenzi finanzjarji ta' l-irregolaritajiet bejn EUR 200 u EUR 4 000 taħt punt 1.5 ta' Al-anness III,
- L-informazzjoni mitluba taħt punt 1.7 ta' l-Anness III."

3. It-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament huwa miżjud bħala Anness III.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Awwissu 2004.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

Anness**“Anness III****L-ELEMENTI TAR-RAPPORT ANNWALI SKOND L-ARTIKOLU 11****1. L-esekuzzjoni ta' l-ispezzjonijiet fl-uffiċċji ta' l-esportazzjoni tad-dwana**

- 1.2 In-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni għal kull settur ta' kull uffiċċju tad-dwana mhux esklużi taħt l-Artikolu 2 meta tiġi kkalkulata r-rata minima ta' l-ispezzjonijiet.
- 1.3 L-indikazzjoni dwar jekk id-dikjarazzjonijiet kienu esklużi taħt l-Artikolu 2(2)(a) jew taħt l-Artikolu 2(2)(b).
- 1.4 In-numru ta' spezzjonijiet fiżiċi mwettqa għal kull settur għal kull uffiċċju tad-dwana.
- 1.5 Jekk applikabbli, ista ta' Uffiċċji tad-dwana li japplikaw rati mnaqqsa ta' spezzjonijiet skond Artikolu 6 (c).
- 1.6 In-numru ta' spezzjonijiet kull settur li wassal biex jinkixfu irregolaritajiet, l-inċidenza finanzjarja ta' l-irregolaritajiet żvelati fejn il-valur mitlub ta' rifużjonijiet jaqbeż il- EUR 200 u, fejn applikabbli, in-numru tar-riferenza użat għall-kommunikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 595/91*.
- 1.7 Jekk applikabbli, l-aġġornament tan-numru ta' irregolaritajiet li kienu kkomunikati lill-Kummissjoni fir-rapporti annwali preċedenti.
- 1.8 Il-valur mitlub tar-rifużjonijiet għal kull settur ta' dikjarazzjonijiet soġġetti għall-ispezzjonijiet.

2. L-esekuzzjoni ta' spezzjonijiet sostituttivi fl-uffiċċji tad-dwana

- 2.1 In-numru ta' jiem għal kull uffiċċju tad-dwana li minnhom il-kunsinni tal-prodotti li għandhom ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni, mhux issiġġilati skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 10 (2), ħallew it-territorju tad-dwana tal-Komunità mill-Uffiċċju partikolari tad-dwana.
- 2.2 In-numru ta' spezzjonijiet sostituttivisostituttivi kif imsemmijaimsemmija fl-Artikolu 10(2) immwettqa f'kull uffiċċju tad-dwana.
- 2.3 In-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni li għalihom l-uffiċċju tad-dwana ta' l-esportazzjoni ma jkunx issiġilla l-mezz tat-trasport jew l-ippakkjar.

In-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' l-esportazzjoni li għalihom is-siġilli mwaħħla mat-tluq tneħħew mhux taħt is-superviżjoni tad-dwana, jew li s-siġilli nkisru jew li l-dispensa mill-issiġillar taħt l-Artikolu 357 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ma ġietx konċessa.

2.4 In-numru ta' l-ispezzjonijiet sostituttivi speċifiċi kif imsemmija fl-Artikolu 10 (2a) ta' dan ir-Regolament esegwit għal kull uffiċċju tad-dwana.

2.5 In-numru ta' spezzjonijiet sostituttivi kif imsemmija fl-Artikolu 10 (2) ta' dan ir-Regolament, li fihom instabu irregolaritajiet li jaqbżu l-valur ta' rifużjoni ta' EUR 200, jinkludu, fejn applikabbli, in-numru ta' riferenza li huwa wżat għall-kommunikazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 595/91.

In-numru ta' spezzjonijiet sostituttivi speċifiċi kif imsemmija fl-Artikolu 10 (2a) ta' dan ir-Regolament, li fihom instabu irregolaritajiet li jaqbżu l-valur ta' rifużjoni ta' EUR 200 jinkludu, fejn applikabbli, in-numru tar-referenza li huwa wżat għall-kommunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 595/91.

2.6 Jekk applikabbli, l-aġġornament tan-numru ta' l-irregolaritajiet li kienu kkomunikati lill-Kummissjoni fir-rapport annwali preċedenti.

2.7 Sa liema punt l-uffiċċji tad-dwana tal-ħruġ applikaw l-Artikolu 10 (7) ta' dan ir-Regolament u liema informazzjoni ingħatat mill-aġenziji li jħallu kkonċernati.

3. Proċeduri għall-għażla ta' kunsinni għall-ispezzjonar

3.1 Deskrizzjoni tal-proċeduri għall-għażla ta' kunsinni għall-ispezzjonar fiżiku u l-effettività tagħhom.

4. Modifikitas-sistema jew l-istrateġija ta' l-analiżi tar-riskju

L-informazzjoni f'punt 4.1 hija mitluba mill-Istati Membri li qed japplikaw analiżi tar-riskju skond l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament(KE) Nru 386/90.

4.1 Deskrizzjoni tal-modifikikollha tal-miżuri nnotifikati lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru 3122/94**.

5. Informazzjoni ddettaljata dwar is-sistemi ta' selezzjoni u sistemi ta' l-analiżi tar-riskju

L-informazzjoni f'punti 5.1-5.4 hija mitluba mill-Istati Membri li qed japplikaw analiżi tar-riskju skond l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru 3122/94. L-informazzjoni għandha tiġi sottomessa biss jekk kien hemm modifiki mill-aħħar rapport.

L-informazzjoni f'punt 5.5 hija mitluba mill-Istati Membri li mhux qed japplikaw l-analiżi tar-riskju skond l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament(KE) Nru 3122/94.

5.1 Deskrizzjoni tas-sistema uniformi, jekk hi eżistenti, li tirrekordja l-iskala tar-rata tar-riskji assoċjat ma' kull kunsinna.

5.2 Deskrizzjoni ta' l-intervalli ta' l-evalwazzjoni perijodika u reviżjoni tar-riskji assessjati

- 5.3 Deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ u l-*feedback* sabiex jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet mmirati jitwettqu jew li jiġu rrekordjati raġunijiet sodisfaċenti 'l għaliex dan ma jkunx sar.
- 5.4 Jekk ma jkun hemm l-ebda reviżjoni ta' l-evalwazzjoni tar-riskju (ara punt 5.2) għall-aħħar perjodi ta' l-irrapportar, irid ikun hemm spjegazzjoni 'l għaliex l-evalwazzjoni eżistenti tibqa' l-mezz xieraq biex tiġi żgurata l-effettività ta' l-ispezzjonar.
- 5.5 Jekk l-analiżi tar-riskju skond l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru 3122/94 ma tiġix applikata, għandu jkun hemm spjegazzjoni 'l għaliex is-sistema ta' l-ispezzjonijiet tibqa' xorta waħda l-mezz xieraq li jiżgura l-effettività ta' l-ispezzjonijiet.
- 6. Koordinament mar-Regolament(KEE) Nru 4045/89**
- 6.1 Deskrizzjoni tal-miżura skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 386/90 li ttehdet biex jittejjeb il-koordinament mar-Regolament(KEE) Nru 4045/89.
- 7. Diffikultajiet biex jiġi applikat ir-Regolament(KEE) Nru 386/90 u dan ir-Regolament**
- 7.1 Deskrizzjoni ta' xi diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom fl-applikazzjoni tar-Regolament(KEE) Nru 386/90 jew f'dan ir-Regolament u l-miżuri meħuda biex dawn jingħelbu jew proposti b'dan il-għan.
- 8. Evalwazzjonijiet ta' l-ispezzjonijiet imwettqa**
- 8.1 Evalwazzjoni dwar jekk l-ispezzjonijiet twettqux b'mod sodisfaċenti.
- 8.2 Rapport jekk il-korp li jiċċertifika msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru. 1663/95*** għamilx xi sqarrijiet rigward l-esekuzzjoni ta' l-ispezzjonar fiżiku u l-ispezzjonar sostituttiv fl-aħħar rapport skond l-Artikolu 3 (1) ta' dan ir-Regolament u li jkun indikat il-post rispettiv fir-rapport (kapitolu, paġna etc). Jekk ir-rapport ikun fih rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tas-sistema ta' l-ispezzjonijiet fiżiċi u sostituttivi, għandu jiġi indikat liema miżuri ġew implimentati biex tittejjeb is-sistema.
- 8.3 L-Istati Membri li għadhom ma implimentawx il-miżuri kif imfissra taħt punt 8.2 meta jitfassal ir-rapport annwali jridu jgħaddu din l-informazzjoni sal-31 ta' Lulju tas-sena li fiha jiġi sottomess ir-rapport annwali.
- 9. Suġġerimenti għat-titjib**
- 9.1 Fejn hu xieraq, suġġerimenti għat-titjib, jew fl-applikazzjoni tar-Regolament, jew fir-Regolament innifsu.
- 10. Spezzjonijiet fiżiċi fuq prodotti jew prodotti mqiegħda taħt il-prefinanzjament skond Artikolu 26 (7) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999**

Għall-ispezzjonijiet fiżiċi, eżegwiti abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-pagamenti, biex jiġi applikat l- Artikolu 4 u 5 tar-Regolament(KE) Nru 565/80****, irid jiġi rrapurtat dan li ġej:

- 10.1 In-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' pagament għal kull settur għalkull uffiċċju tad-dwana li mhux eskluż taħt Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament meta tiġi kkalkulata ir-rata minima ta' l-ispezzjonijiet.
- 10.2 In-numru ta' l-ispezzjonijiet fiżiċi għal kull settur għal kull uffiċċju tad-dwana.
- 10.3 In-numru ta' spezzjonijiet għal kull settur li wasslu biex jinstabu l-irregolaritajiet, l-inċidenza finanzjarja ta' l-irregolaritajiet misjuba fejn il-valur misjub tar-rifużjonijiet qabeż l- EUR 200 u, fejn applikabbli, in-numru tar-riferenza wżat għall-kommunikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 595/91.

* ĠU 67, 14.3.1991, p. 11.

** ĠU L 330, 21.12.1994, p. 31.

*** ĠU L 158, 8.7.1995, p. 6.

**** ĠU L 62, 7.3.1980, p. 5.”